

It-Tlieta, 13 ta' Jannar 2009

III

(Atti preparatorji)

PARLAMENT EWROPEW

Ftehim bejn il-KE u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar koperazzjoni fit-treġġja tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili *

P6_TA(2009)0001

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Jannar 2009 dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar koperazzjoni fit-treġġja tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili (10972/2007 – COM(2007)0325 – C6-0275/2008 – 2007/0111(CNS))

(2010/C 46 E/21)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (10972/2007 - COM(2007)0325),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 80(2), l-Artikolu 133(4), l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, u l-Artikolu 300(4) tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkon-sultat mill-Kunsill (C6-0275/2008),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51, 83(7) u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0468/2008),
1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Istati Uniti tal-Amerika.

Is-sistema komuni għall-kummerċ fl-ovalbumin u l-lactalbumin (verżjoni kodifikata) *

P6_TA(2009)0002

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Jannar 2009 dwar il-proposta għal regola-ment tal-Kunsill fuq is-sistema komuni għall-kummerċ fl-ovalbumin u l-lactalbumin (verżjoni kodifi-kata) (COM(2008)0488 – C6-0334/2008 – 2008/0155(CNS))

(2010/C 46 E/22)

(Proċedura ta' konsultazzjoni – kodifikazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0488),

It-Tlieta, 13 ta' Jannar 2009

- wara li kkunsidra l-Artikoli 26, 87 sa 89, 132 u segwenti u 308 tat-Trattat KE, skont liema l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0334/2008),
 - wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 – Metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0510/2008),
- A. billi, skont il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta msemmija għandha kodifikazzjoni ċara tat-testi eżistenti mingħajr xi bidla fis-sustanza tagħhom,
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif ġiet adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

Sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal mergers, diviżjonijiet, diviżjonijiet parzjali, trasferimenti ta' assi u skambji ta' ishma li jikkonċernaw kumpanniji ta' Stati Membri differenti u għat-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat (verżjoni kodifikata) *

P6_TA(2009)0003

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Jannar 2009 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal mergers, diviżjonijiet, diviżjonijiet parzjali, trasferimenti ta' assi u skambji ta' ishma li jikkonċernaw kumpanniji ta' Stati Membri differenti u għat-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat ta' SE jew SCE bejn Stati Membri (verżjoni kodifikata) (COM(2008)0492 – C6-0336/2008 – 2008/0158(CNS))

(2010/C 46 E/23)

(Proċedura ta' konsultazzjoni – kodifikazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0492),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 94 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0336/2008),
- wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0511/2008),

⁽¹⁾ ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.